**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 39** **13 t'Ottubru 2022**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis, 13 t'Ottubru 2022, fis-sala tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

John Schembri – Sindku

Keoron Bruno – Viċi Sindku

Eric Camilleri – Kunsillier

Frederick Aquilina – Kunsillier

Lucia Massa – Kunsillier

Maria Magri - Kunsillier

Andrew Cassar - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku John Schembri** ppresjeda l-laqgħa.

39.1 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 38**

Is-Sindku John Schembri talab l-approvazzjoni tal-Minuti 38, liema minuti kienu ċċirkulati u meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondat.

Il-Minuti 38 ġew approvati b'mod unanimu.

39.2 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

39.2.1 **Business Plan – Infrastructure Malta 2023-2025**

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li l-Kunsill irċieva korrispondenza minn Infrastructure Malta dwar Business Plan għat-tlett snin li ġejjin, fejn il-Kunsill qed jintalab jippreżenta nurmu ta' toroq għar-resurfacing.

Is-Sindku John Schembri ppropona dawn it-toroq;

Triq San Ġużepp
Triq San Ġorġ
Triq Santa Marija
Triq id-Dokkiena
Triq il-Karmnu
Triq Ġużeppi Penza
Triq G.Triganze
Triq Ċensu Decandia

Il-Kunsill approva b'mod unanimu dawn it-toroq.

39.2.2 **Vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku John Schembri nfurma li fil-ġranet li ġejjin mistenni jiskatta l-proċess għall-mili tal-vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

39.2.3 **Vakanza Interna għall-Skrivan fi Skala 16**

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li wara konsultazzjoni mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, nħarġet sejħa nterna għall-Skrivan fi skala 16, fejn l-

impjegat Malcolm Muscat applika għal din il-vakanza. Is-Sindku nfurma li s-Sur Muscat ilu 9 snin u nofs impjegat mal-Kunsill u kulħadd jaf l-*input* li jagħti fil-ħidma tiegħu. Is-Sindku John Schembri nfurma li l-job description tal-impjegat se tkun deċiża mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv, kif jitolbu l-proċeduri.

Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu s-Sindku talab l-approvazzjoni tal-membri sabiex s-Sur Muscat jiġi maħtur skrivan fi skala 16.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**39.2.4 Applikazzjoni PA/00063/2022**

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li l-Awtorita' tal-Ippjanar reġgħet estendiet ir-raccomendation period għall-iżvilupp ta' post ta' talb fi Triq Ħal Qormi, Ħal Qormi, skont l-applikazzjoni bin-numru PA/00063/2022. Is-Sindku John Schembri spjega li l-Kunsill Lokali mhux kontra l-bini ta' moskea, għax jemmen li kulħadd għandu dritt jeżerċita r-reliġjon li jrid.

**Is-Sindku John Schembri** qal li l-lokalita' ta' Ħal Luqa ma' tiflaħx tali żvilupp. Dan minbarra l-fatt li fin-naħa t'isfel tal-pajjiż diġa jeżisti post ta' talb.

**Is-Sindku John Schembri** ppropona li ssir Konferenza Stampa f'din iz-zona.

**Il-Kunsillier Frederick Aquilina** qal li idealment il-Press Conference tinżamm qabel l-20 t'Ottubru sabiex fl-istess ħin jiġi ffirmata l-petizzjoni.

**Il-Kunsillier Eric Camilleri** qal li idealment il-petition issir online u dawk ir-residenti li għandhom diffikultajiet ta' mobilita', jistgħu iċemplu l-Kunsill, jagħtu l-isem u l-ID Card u jiġu miżjuda.

Il-Kunsill qabel li l-Konferenza Stampa tinżamm is-Sibt 5 ta' Novembru 2022 fid-9.00a.m.

**39.2.5 Tiżjin tal-Milied 2022**

Is-Sindku John Schembri nfurma li issa li ġejjin il-festi tal-Milied, il-Kunsill għandu jiddeċiedi liema toroq għandhom jiżżejnu b'dawl festiv.

Il-Kunsill iddiskuta u approva li t-tiżjin din is-sena jsir f'dawn it-toroq;

Triq il-Ġdida (minn Triq Sant'Andrija sa Triq Dun Pawl)
Misraħ il-Knisja
Pjazza Sant'Andrija
Triq il-Karmnu (minn Triq id-9 t'April sa Triq Dun Pawl)

**39.2.6** **Attivitajiet Reġjun tal-Kultura 2023**

**Il-Kunsillier Maria Magri** nfurmat li r-Reġjun Nofsinhar li qed tistenna proposal mill-Kunsill għall-attivita' Kulturali.

**Il-Kunsillier Eric Camilleri** ppropona li jsir il-Festival tal-Mazziet flimkien ma' kunċert bil-kantanti li rebħu l-Malta Song for Europe.

Ġier propost ukoll li jiġi propost Musical dwar il-ħajja ta' Sant'Andrija, liema musical jinżamm fit-30 ta' Novembru 2023.

**39.3** **Skeda ta' Ħlasijiet**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iSkeda ta' Ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Lucia Massa** pproponiet l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Andrew Cassar** ssekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**39.4** **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 2 ta' Novembru fil-5.30p.m.

Konfermati, llum ______________________________________

| | |
|---|---|
| John Schembri | Karen Camilleri |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |